

- 2) F'każ li r-risposta għal dik id-domanda tkun waħda negattiva: L-Artikoli 49 u 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu interpretati fis-sens li r-rekwiżit fid-dritt nazzjonali li l-proċeduri għall-istralċ tal-kumpannija għandhom isiru – inklużi t-terminazzjoni ta' kull negozju pendenti, l-irkupru ta' djun, l-eżekuzzjoni tal-obbligi u l-bejgħ tal-attiv tal-kumpannija, is-sodisfazzjon tal-kredituri jew il-provvista ta' garanziji favurijom, is-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni finanzjarja dwar l-istat attwali ta' dawn l-atti, u l-indikazzjoni tal-persuna li ser tiġi fdata bil-kotba u d-dokumenti – qabel ix-xoljiment tal-kumpannija, liema xoljiment iseħħ fil-mument tat-tfassir tagħha mir-reġistru kummerċjali, huwa miżura li hija adegwata, neċessarja u proporzjonata għal interess pubbliku li jimmerita protezzjoni fil-forma ta' salvagwardja tal-kredituri, tal-azzjonisti fminoranza u tal-impjegati tal-kumpannija migranti?
- 3) L-Artikoli 49 u 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li r-restrizzjonijiet għal-libertà tal-istabbiliment jinkludu sitwazzjoni li fiha – għall-finijiet tal-konverżjoni f'kumpannija ta' Stat Membru ieħor – kumpannija tittrasferixxi l-uffiċċju rreġistrat tagħha lejn l-Istat Membru l-ieħor mingħajr ma tibdel il-post tal-istabbiliment prinċipali tagħha, li jibqa' fl-Istat ta' kostituzzjoni inizjali?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szombathelyi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (L-Ungerija) fis-26 ta' Frar 2016 – Günter Horváth vs Vas Megyei Kormányhivatal

(Kawża C-113/16)

(2016/C 211/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Szombathelyi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Günter Horváth

Konvenut: Vas Megyei Kormányhivatal

Domandi preliminari

- 1) Leġislażzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta ż-żamma tad-drittijiet ta' użufrutt u tad-drittijiet ta' użu kkostitwiti fuq art agrikola għall-prova tal-eżistenza ta' rabta ta' parentela mill-qrib mal-persuna li kkostitwixxiet id-drittijiet ta' użufrutt u d-drittijiet ta' użu u li skontha d-drittijiet ta' użufrutt u d-drittijiet ta' użu jiġu estinti *ipso jure*, mingħajr ebda kumpens patrimonjali, meta d-detentur tal-imsemmija drittijiet ma jistax jistabbilixxi din ir-rabta ta' parentela mill-qrib, għandha titqies li hija restrizzjoni li tmur kontra l-Artikoli 49 u 63 TFUE?
- 2) Leġislażzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta ż-żamma tad-drittijiet ta' użufrutt u tad-drittijiet ta' użu kkostitwiti fuq art agrikola għall-prova tal-eżistenza ta' rabta ta' parentela mill-qrib mal-persuna li kkostitwixxiet id-drittijiet ta' użufrutt u d-drittijiet ta' użu u li skontha d-drittijiet ta' użufrutt u d-drittijiet ta' użu jiġu estinti *ipso jure*, mingħajr ebda kumpens patrimonjali, meta d-detentur tal-imsemmija drittijiet ma jistax jistabbilixxi din ir-rabta ta' parentela mill-qrib, taffettwa realment b'mod ugwali ċ-ċittadini tal-Istat Membru inkwistjoni u ċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħrajn, fid-dawl tal-Artikoli 49 u 63 TFUE?